**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 14**

**L-Erbgħa 9 ta' April 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier (17.34 pm) |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier (telaq mis-seduta fis-18.00) |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier (17.34 pm) |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

**14.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**14.01.01** Il-Kunsillier Andrew Cassar talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' xogħol. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**14.01.02** Il-Kunsillier Anton Gatt talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' xogħol. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**14.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduti 12 u 13)**

**14.02.01** Il-Kunsillier Frederick Aquilina għamel rimarka fuq punt 12.02.01, rigward il-Padel Court. Il-Kunsillier Frederick Aquilina kien qal li dan il-Padel Court se jġib miegħu problemi ta' traffiku, parkeġġ, dawl, siġar u storbju.

**14.02.02** Fuq proponiment tal-Kunsillier Matthew Schembri u sekondat mill-Kunsillier Jeffrey Scicluna, il-minuti ta' seduti 12 u 13 ġew approvati unanimament.

**14.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**14.03.01** Xejn

**14.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**14.04.01** Xejn

**14.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**14.05.01** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna informa lis-Sindku John Schembri li fi Triq Pawlu Magri waslulu diversi lmenti għalies it-triq dejqa u qed isir parkeġġ bl-addoċċ. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna talab sabiex jitnaqqas l-aċċess tat-triq b'xi bollards. Is-Sindku John Schembri sostna li din it-triq issir bil-ħinijiet u li jidħlu karozzi żgħar biss. Kien deċiż li s-Sindku John Schembri u l-Kunsillier Jeffrey Scicluna jitkellmu ma' Transport Malta u jaraw x'jista' jsir.

**14.05.02** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li l-Librara tal-Iskola għamlet kuntatt miegħu u staqsietu jekk il-Kunsill Lokali kienx se jagħti fondi lil-librerija tal-Iskola. Il-Kunsilliera preżenti bi qbil unanimu qablu li ladarba l-Kunsill Lokali jkollu skema disponibbli għal dan il-għan, ikun f'pożizzjoni aħjar li joffri dawn il-fondi.

**14.05.03** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna staqsa jekk hemmx il-ħsieb li tinbidel il-bandiera li tinsab fi Triq Kunsill tal-Ewropa li tagħti għal Triq Vittmi tal-Gwerra. Is-Sindku John Schembri flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmaw lill-Kunsillier Jeffrey Scicluna li hemm bandiera ordnata diġà.

**14.05.04** Il-Viċi Sindku Keith Bartolo informa lis-Sindku John Schembri li fi Sqaq San Mark qegħdin jidħlu karozzi kbar. Is-Sindku John Schembri qal lill-Viċi Sindku Keith Bartolo se jkun qiegħed jinforma lit-Transport Malta sabiex ma jibqgħux jidħlu karozzi kbar.

**14.05.05** Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa lis-Sindku John Schembri dwar il-culverts li jinsabu fi Triq il-Karmnu u fi Triq G. Trigance. Is-Sindku John Schembri spjega li dawn il-culverts se jsiru b'mod differenti. Is-Sindku John Schembri kompla jgħid li se jsir aktar tħaffir 'l isfel u se jqabżu l-gradilji, b'hekk it-triq taqleb għal ġil-culverts. Is-Sindku John Schembri qal li se jsir ukolol tħaffir fi Triq Wied il-Knejjes.

**14.05.06** Il-Kunsillier Frederick Aqulina ssuġġerixxa li t-toroq li saru x-xogħlijiet fihom għandhom jixxarbu bl-ilma sabiex jittaffa' t-trab. Is-Sindku John Schembri laqa' din it-talba u qal li se jkellem lil Cleansing Department sabiex isir dan ix-xogħol.

**14.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

**14.06.01** Xejn

**14.07 Korrispondenza**

**14.07.01** Xejn

**14.08 Quarterly Report (Jannar sa Marzu 2025)**

**14.08.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat lill-Kunsilliera preżenti li l-Quarterly Report se jkun ippreżentat fis-seduta li jmiss.

**14.09 Attivitajiet relatati mal-Ġimgħa Mqaddsa**

**14.09.01** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna spjega li għal din is-sena, iz-zuntier tal-Knisja, f'Ħamis ix-Xirka se jitqiegħdu mas-600 xemgħa madwaru. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna spjega li dawn ix-xemgħat setgħu jsiru grazzi għat-€800 fondi li ngħataw mir-Reġjun Nofsinhar u li l-Kunsill Lokali bbenefika minn dawn il-fondi.

**14.09.02** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna tenna li fil-Ġimgħa l-Kbira fis-6 ta' filgħodu, se jitqiegħdu l-barrikati għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

**14.10 Skema: SPI/SCI/03/2025: Lokalitajiet aktar nodfa**

**14.10.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali ħareġ numru ta' Skemi għas-snin 2025/2026. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat li issa kien imiss din l-iskema u li kienet se tagħlaq nhar it-22 ta' April 2025. Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li beda jaħdem fuq din l-iskema u li se tkun qed tintbagħat fil-ħin.

**14.11 Aġġornament fuq it-Tenders tal-Madonna tal-Ftajjar**

**14.11.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat lill-Kunsilliera preżenti li dan it-tender għalaq u li nfetħu l-offerti. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li ntefgħu erba' (4) offerti, nħatar il-bord tal-evalwazzjoni u li l-proċess se jinbeda dalwaqt.

## 14.12 Jum il-Lokal

**14.12.01** Il-Kunsillier Matthew Spiteri informa l-Kunsilliera preżenti li bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Lokal se tkun organizzata diskussjoni politika bl-isem ta': ***Iż-Żgħażagħ u l-Politika – ilbieraħ, illum u għada***. Il-Kunsillier Matthew Spiteri qal li l-preżentatur ta' din id-diskussjoni se jkun Ricky Caruana u se ssir nhar il-Ġimgħa 16 ta' Mejju fis-19.00 fi Triq Papa Innoċenzu, Ħal Luqa. Il-Kunsillier Matthew Spiteri kompla jgħid li din id-diskussjoni se ssir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi u l-ispiża ta' €600 għal din l-attivita` se jinqasmu bejn iż-żewġ Kunsilli Lokali. Il-Kunsillier Matthew Spiteri qal li l-kelliema se jkunu: l-Onor. Ramona Attard minn naħa tal-Partit Laburista, l-Onor. Jerome Caruana Cilia minn naħa tal-Partit Nazzjonalista u s-Sur Omar Rababah li huwa Indipendenti.

Is-Sindku John Schembri staqsa lill-Kunsillier Matthew Spiteri fuq liema bażi ntgħażlu d-Deputati. Kien għalhekk li s-Sindku John Schembri ssuġġerixxa li jitkellmu ukoll il-Kunsillier Matthew Spiteri u l-Kunsillier Frederick Aquilina. Is-Sindku John Schembri qal li darb'oħra l-kelliema jkunu diskussi minn qabel u mhux ippreżentati waqt is-seduta.

Il-Viċi Sindku Keith Bartolo qal li darb'oħra rridu noqogħdu attenti kif jintgħażlu l-kandidati/kelliema għal din id-diskussjoni sabiex ma jinħoloqx preċedent.

Il-Kunsillier Frederick Aquilina rrimarka li kelliema minn Ħal Qormi ma hemm ħadd u qed jaraha stramba kif dawn se jaqsmu nofs l-ispiża.

## 14.13 Skeda ta' Pagamenti u Petty Cash

**14.13.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Jeffrey Scicluna u sekondat mill-Viċi Sindku Keith Bartolo, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 14.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**14.14.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19.00 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 7 ta' Mejju 2025, fis-18.00.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa 7 ta' Mejju 2025.**

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |